**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Gemma Bernice Caruana**

**Illum, 24 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja lil Gemma Bernice Caruana, bint Carmel u Bernice nee' Algar, imwielda il-Pieta' fis-26 ta' April 1969, li tirrisjedi 119, P/H 5, Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, u detentriċi ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 0073186M fejn ġiet akkużata:

*"talli b 'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew*

*magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-artiklu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe talli:*

*Billi inti Gemma Bernice Caruana, akkużata talli tul żmien bejn is-snin 2020 u 2023 u fil-ġranet u, jew xhur u, jew snin ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, b 'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

1. *B'meżżi kontra għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b 'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara għad-detriment tal-kumpanija Labo-Pharm Limited, liema ammont tal-ħsara magħmula huwa ta' tlieta u erbgħin elf u erba' mitt ewro (43,400.00).*
   *U talli fl-istess dati ħinijiet lokalitajiet u ċirkostanzi*
2. *Appropjat ruħa, billi dawret bi profit għaliha jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tagħha, jew minħabba depożitu neċessarju speċifikat għad-detriment tal-vittma msemmija ċitata' fl-akkużi preċedenti."*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reat fuq imsemmi, tħaddem kontra l-ħatja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u tal-Artikolu 532A, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat li waqt is-seduta tal-lum l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament.

Rat li waqt l-istess seduta tal-lum, l-imputata minn jedda għażlet li tammetti għal akkużi u wara li l-Qorti ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill- imputata b'mod l-aktar solenni dwar il-

konsegwenzi legali tat-tweġiba tagħha, spjegatilha ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u li l-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-imputata terġa tikkonsulta mal-avukat tagħha bil-għan li terġa' tirrikonsidra l-ammissjoni tagħha, u meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni tagħha.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess imputata, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħatja fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tagħha, li hija ikkolaborat mal-Pulizija, u li hi ħallset l-ammont kollu frodat qabel inbdew il-proċeduri.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-imputata, wara li rat l-artikoli 17, 18, 308, 309, 310(1)(a), 294 u 338(w) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputata Gemma Bernice Caruana, detentriċi ta' karta tal-identita Maltija bin-numru 0073186M ħatja ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha, u tikkundannha għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' erba u għoxrin (24) xahar iżda, bis-saħħa tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-

Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skont l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ir-responsabbiltà tagħha taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ai termini ta` l-Artikoli 15A u tal-Artikoli 532A, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana stante li l-ħatja irrifondiet l-ammont kollu frodat u ma jirriżultax li ġew maħtura esperti jew periti fil-proċeduri odjerni.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------